BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghat-Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar il-Gimgha, 29 ta' Awwissu 2008, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 29**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Pagamenti numru 22**
5 **Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**
6 **Korrispondenza**
7 **Hwejjeg Ohra**
8 **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tat-Tletin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Gimgha, 29 ta' Awwissu 2008 mis-6:00p.m. sas- 6:55p.m.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjura Doris Borg |
| | Is-sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri |
| | Is-Sur Michael Camilleri |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Dr George Debattista------------------Assenti imma Skuzat |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo-------- Assenti u Skuzat |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt ----------- Assenti u Skuzata |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Michael Camilleri, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilliera s-sinjorina Charlene Camilleri dahlet fil-kamra fis-6:08pm Il-Kunsilliera s-Sinjuri : Roberto J. Buontempo, Dr. George Debattista, u Dr. Josianne Cardona Gatt kienu assenti imma skuzati. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

~~Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.~~

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 29.**

Il-Minuti tad-Disgha-u-Ghoxrin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda w ittieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati minghajr ma' saret l-ebda korrezzjoni b'disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

**3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti**

3.1 Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro accena ghal *item* 8.9. Is-Sindku qal li *sleeping police* inkwistjoni kienet giet ordnata.

## 4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 22

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 22 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet fejn fost l-ohrajn il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 3 u ohrajn relatati. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li dwar is-servizz tal-*Khiron Security* hu kien talab appuntament mal-Ministru Dolores Cristina. Dan sabiex biex fost l-ohrajn jigi diskuss il-hlas ghal dan is-servizz.

Wara li s-Sindku wiegeb ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera, l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 22 ġiet approvata b'disa' voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

Hawnhekk dahlet fil-kamra il-Kunsilliera s-Sinjorina Charlene Camilleri. Il-hin kien is-6:08pm

## 5 Approvazzjoni tal-Listi tal-Flus Kontanti

Il-lista tal-Flus Kontanti tal-perjodu mit-23/7/08 sas-6/8/08 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista giet approvata b'ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

## 6 Korrispondenza

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-korrispondenza li kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma' l-agenda .

6.1 Ittri bid-dati ta' l-1 ta' Awwissu 2008 u l-4 ta' Awwissu 2008 dwar allegata hsara kagunata fir-rimmijiet tal-vettura ta' Ms. Marica Mifsud, minhabba hofra fi Triq il-Ferrovija l-Qadima. Unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi Ms. Marica Mifsud m'ghandix tinghata kumpens ghall-hsara li allegatament garbet fil-vettura taghha.

6.2 E.mail bir-riferenza LCD 214/94/II/29 u bid-data tas-19 ta' Awwissu 2008 minghand Ms Gemma Debono mid-dipartiment ghall-Gvern Lokali. L-Email tittratta dwar l-izbilanc finanzjarju li kien qed jirregistra l-Kunsill. Id-Dipartiment kien qed jesigi illi l-Kunsill m'ghandux jimborza minn fondi tieghu spejjez konnessi ma' attivitajiet li ma' jaqghux taht il-funzjonijiet statutorji tieghu li jinkludu fost l-ohrajn Jum il-Kunsill, Karnival, Milied, ecc, u jillimita ruhu ghall-obbligi kuntrattwali biss. Dan sakemm il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill tkun wahda kif titlob il-ligi. Fl-email tieghu d-dipartiment kien qed jesigi li l-Kunsill m'ghandux jidhol ghall-progetti kapitali. Id-Dipartiment talab ukoll certu dokumentazzjoni.

6.3 Dokument tal-qorti ffirmat minn Dr Graziella Bezzina dwar il-kawza : Chetcuti Michael et vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv Kunsill Lokali Birkirkara. Saret diskussjoni qasira fejn saret riferenza ghall-figuri msemmija fid-dokument. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg tghat informazzjoni dwar il-kaz, minhabba li **l-ilment fuq din il-hsara** kien **sar** fi zmien meta hi kienet Sindku. Fl-ispjega taghha s-Sinjura Borg irreferit ghar-rapport li kien hejja dak iz-zmien il-Perit tal-Kunsill dwar l-istess kaz. Wara kien hemm qbil unanimu illi s-Sindku ghandu jsejjah lis-Sur Michael Chetcuti sabiex naraw ezattament x'inhi l-ispiza totali u fuq x'hiex hu lest li jilhaq kompromess. Wara s-Sindku ghandu jirraporta lura lill-Kunsill.

## 7 Hwejjeg Ohra

7.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghal-laqgha li hu kellu mas-Sinjura Mary Cachia li allegatament kienet waqghet u weggghet minhabba hofra fi Triq A.E. Caruana. Hu ghamel riferenza ghad-diversi korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill u Mary Cachia f'dawn l-ahhar xhur. Wara li saret diskussjoni mill-membri kollha prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ssuggerixxa illi s-Sinjura Mary Cachia tinghata €233 (mitejn u tlieta u tletin ewro) bhala kumpens. Is-suggeriment tas-Sindku li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg gie approvat b'ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

7.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li wara li hu kkonsulta mas-Segretarju Ezekuttiv kien qed jissuggerixxi illi l-iskrivana s-Sinjorina Mandy C. Spiteri tinghata promozzjoni minn skala 15 ghal skala 13 u dan b'effett mill-1 ta' Settembru 2008. Hu qal li s-Sinjorina Spiteri kienet tikkwalifika ghal din il-promozzjoni minhabba li hi kellha aktar minn tliet(3) snin esperjenza fil-grad ta' skrivan (skala 15) mal-Kunsill Lokali, u kellha *sadisfactory performance* tajba. Infatti s-Sinjorina Spiteri ilha tokkupa din il-kariga fuq skala 15 mill-1 ta' Settembru 2004. Is-suggeriment tas-Sindku li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg gie approvat b'ghaxar voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark G. Abdilla, Joanne Borg, Anthony Buttigieg, Charlene Camilleri, Michael Camilleri, John Mary Calleja, Sergio Carbonaro, u Mary Spiteri Shaw.

7.3 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg irrimarkat illi t-tindif tat-toroq rega' waqa' lura. Hi lmentat illi l-parti ta' fuq ta' Triq Fleur-de-lys qed tkun mahmuga.

7.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla sahaq illi l-Kunsilliera kollha ghandhom jinghaqdu u jiehdu *stand* komuni vis-a-via l-ADT. Hu qal ma' jistax ikun li l-Kunsill ma kienx qed isib kooperazzjoni shiha minn din l-Awtorita.

7.5 Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro staqsa dwar l-izvilupp propost ta' Gnien John Borg. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna l-permessi mehtiega tal-MEPA.

7.6 Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro staqsa jekk il-Kunsill kellux risposta minghand l-ADT biex issir *zebra crossing* gdida fi Triq Notabile. Is-sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill kien ghadu qed jistenna l-permess mehtieg mill-Adt. Is-Sindku qal ukoll illi hu kien gie nfurmat illi fix-xhur li gejjin Triq Notabile kienet ser tinqala' u tinghata t-tarmak mill-Gvern Centrali.

7 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja ghamel riferenza ghall-ilment fejn residenta fi Triq Fleur-de-lys ilha zmien twil titlob ghal *patching* u sal-lum dan ghadu ma sarx. Hu lmenta wkoll li kuntrattur partikolari kien gie l-Kunsill wara nofs inhar sabiex jaghmel il-permess ghall-krejn u dan sab it-tieqa maghluqa, bil-konsegwenza li dakinhar hu kien qala' citazzjoni. Dwar l-ewwel punt is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li t-triq imsemmija kienet taqa' taht ir-responsabilta' ta' l-ADT . Dwar it-tieni punt is-Sindku qal li l-permessi tal-krenijiet jistghu jsiru mit-Tnejn sal-Gimgha mit-8:00am sa l-12:00pm. Hu qal li l-kuntratturi jafu li skond ir-regolamenti huma ghandhom jigi japplikaw ghall-permess 48 siegha qabel isir ix-xoghol. Jekk il-permess mehtieg ikun ghal-triq arterjali l-kuntrattur irid jigi hmistax- il jum qabel u dan biex il-Kunsill javza lill-ADT.

Il-Kunsillier is-Sur Sergio Carbonaro nforma lill-membri kollha prezenti illi hu u l-Kunsillier Roberto J. Buontempo kienu gew maghzula mill-AECEO biex jattendu ghas-seminar bit-tema '*European Town Councils*', gewwa Spanja. Hu talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ihallas l-ispejjez tal-biljetti ta' l-ajru liema spiza kienet ta' €450 kull wiehed.( €900 b'kollox). Dwar dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.

BIRKIRKARA

7.9 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena ghar-*residential parking* li kienu twahhlu fil-lokalita' minghajr il-permess ta ' l-ADT. Hu staqsa x'kien ser jigri minn dawn it-tabelli ? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi dawn it-tabelli kienu twahhlu bi prova. Hu qal ukoll illi l-Kunsill kien inkluda dawn it-tabelli fit-*traffic management plan* li l-Kunsill issottometta lill-ADT ghall-approvazzjoni.

7.10 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk il-gonna/*playing fields* Ta' Paris, Tal-Qattus kinux infethu ufficjalment. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami filwaqt li wiegeb fin-negattiv, qal li x-xoghol fuq dawn il-*playing fields* ma' kienx lest.

7.11 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ilmenta illi fi Triq San Giljan k/m Sqaq Ghar il-Gobon hemm **diversi karozzi** li qed tipparkja fuq il-bankina. Hu ssuggerixxa li ghandha titwahhal tabella biex taghlaq ir-rampa li hemm. Is-Sindku s-sur Michael Fenech adami qal li di kir-rampa ma tistax tinghalaq minhabba li tintuza minn persuni li juzaw is-siggu bir-roti. Hu qal li kien ser jghaddi l-ilment lill-Kumitat Kongunt biex isir l-infurzar mehtieg.

7.12 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri lmenta illi f'Misrah San Alwigi qed ikun hemm numru ta' zaghzagh li qed idejqu lir-residenti bl-istorbju li jaghmlu **u jaghmlu hsara fil-gnien. Issuggerixxa li meta tibda l-iskola ghandu jkun hemm il-presenza ta' warden waqt il-break.**

7.13 Il-Kunsillier is-Sur Michael Camilleri ssuggerixxa illi fi Triq l-Imsida ma' Triq Santu Rokku titwahhal *Sleeping Police*

7.14 Il-Kunsillier is-Sur Mark G. Abdilla ssuggerixxa li l-bankijiet li hemm ma' genb tal-Knisja l-Qadima ghandhom jinbidlu u jsiru godda.

7.15 Il-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw ghamlet riferenza ghas-*sleeping police* li kienet twahhlet fi Triq Qormi hdejn il-*Butterfly Bar*. Hi ssuggerit li din ghandha tinqala' u titressaq aktar 'l isfel minhabba li meta tkun ix-xita kienet qeghda isservi ta' *breaker* ghall-ilma. Gie ssuggerixxa wkoll li jekk ir-rampa tibqa' fejn hi l-parti tan-nofs taghha ghandu jinqala' biex l-ilma jibqa' ghaddej minghajr ostaklu.

**8 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien is-6:55pm.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**